**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Kawża Numru: 431/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Noel Ellul**
**(ID 24682M)**

**Illum, 25 ta' Ottubru 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Noel Ellul**, ta' 32 sena, iben Felix u Joan nee` Camenzuli, imwieled il-Pieta` nhar l-20 ta' Diċembru 1981 u residenti 64, Flat 8, Triq ix-Xitwa, Qormi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 24682(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn is-26 u 27 ta' Ottubru 2013 u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr

ma kellu liċenżja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtoriżżat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta; kif ukoll

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. Talli ikkommetta l-imsemmija reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club*, jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żagħżagħ, skont l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Lulju 2014 ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu

22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2015, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu[2];

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2015, l-imputat irreġistra ammissjoni limitatament fir-rigward tal-pussess 'sempliċi' tad-droga kokaina fil-jiem in kwistjoni[3];

Rat ukoll illi fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2016, id-difiża ddikjarat għall-finijiet tal-aggravju tad-distanza, illi taqbel illi l-imputat twaqqaf mill-Pulizija fil-jum in kwistjoni fil-*car park* tal-istabbiliment *Axis* ġewwa Paceville, u illi mingħajr preġudizzju għall-ħtija o meno tal-imputat, ma kienx hemm il-ħtieġa li jinħatar perit sabiex jistabilixxi d-distanza tal-mitt metru[4];

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti:

Fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Ottubru 2013, ġewwa ż-żona tal-parkeġġ tal-istabbiliment *Axis*, twaqqaf l-imputat odjern minn membri tal-Iskwadra kontra d-Droga u minn tfittxija li saret fuq il-persuna tiegħu, mill-but tal-qalziet ta' wara, ġiet elevata borża li kienet tikkontjeni sitt boroż żgħar bi trab abjad suspettat droga kokaina.[5] Huwa ġie arrestat u ttieħed ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija sabiex jiġi investigat, fejn irrilaxxja stqarrija nhar is-27 ta' Ottubru 2013[6], wara li ngħata

---

[1] Ara a fol. 4 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 5 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 6 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 18 tal-proċess.
[5] Is-sustanza ġiet esebita mill-Ispettur (illum Supretendent) Johann J. Fenech waqt ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri bħala Dok. JF.
[6] Ara l-istqarrija tal-imputat esebita mill-Ispettur Johann J. Fenech bħala Dok. JF 1, a fol. 14 u 15 tal-proċess.

s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.[7]

Illi mir-relazzjoni tal-espert ix-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur mill-Qorti f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza s-sustanza esebita bħala Dok. JF[8], jirriżulta illi l-istess espert ingħata s-segwenti dokument għall-analiżi tiegħu u ċioe` *envelope* kannella mmarkat S/B/576/2015 li kien fih borża tal-plastik trasparenti li kien fiha sitt iqratas tal-plastik li fihom trab ta' lewn abjad u karta bil-kliem: *Data: 27/10/13 Ħin: 12:30pm Elevat/i minn but tal-jeans fil-preżenza ta' Noel Ellul minn PS1086, PC1500*.

Illi dwar l-istess dokument, l-imsemmi espert ikkonkluda illi:

> "…**fl-estratt meħud mit-trab ta' lewn abjad … instabet is-sustanza Kokaina. Il-piż total tas-sustanza kien ta' 2.83 grammi u l-purita` kienet ta' 18%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta**."

Illi mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi l-piż rispettiv tal-qratas in kwistjoni kien is-segwenti: 0.48g, 0.50g, 0.49g, 0.37g, 0.48g u 0.51g.[9]

Fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, **PS 1086 Johann Micallef** jgħid illi fil-lejl in kwistjoni, kien ġie arrestat ċertu Axel Grech, li fil-pussess tiegħu nstabu ammont ta' pilloli. Da parti tiegħu l-istess Axel Grech kien allega illi dawn kien tahomlu ċertu Noel Ellul sabiex iżommhomlu. Ix-xhud jgħid ukoll illi xi nofs siegħa wara raw lil Ellul nieżel, jipparkja viċin l-istabbiliment *Axis* u saret tfittxija fuqu. L-imputat fil-fatt kien ġie mwaqqaf proprju għaliex ġie indikat lill-Pulizija minn Axel Grech. Skont ix-xhud, huma raw lill-imputat isuq u jipparkja fil-post indikat minnu. Hekk kif niżel mill-vettura, fil-waqt li kien fil-kumpanija ta' żewġ persuni oħrajn, u beda miexi 'l fuq, huma marru fuqu u saritlu tfittxija. Sussegwentement, fuq mistoqsija in ri-eżami tal-Uffiċjal Prosekutur, ossia jekk kienx ċert li kien qed jixhed dwar Noel Ellul u mhux dwar Noel Grech, ix-xhud jgħid illi jista' jkun li kien qed jitfixkel.[10]

[7] Ara x-xhieda ta' **PC 1500 Alfred Cutajar**, a fol. 7 sa 9 tal-proċess; ix-xhieda tal-**Ispettur Johann J. Fenech**, a fol. 11 sa 13 tal-proċess; u x-xhieda ta' **PS 1086 Johann Micallef**, a fol. 16 u 17 tal-proċess.
[8] Ara d-digriet ta' din il-Qorti fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, a fol. 10 tal-proċess.
[9] Ara r-relazzjoni esebita a fol. 21 sa 34 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 41 sa 44 tal-proċess.

Da parti tiegħu, l-imputat **Noel Ellul** għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri. Huwa jgħid illi fil-lejl in kwistjoni kien tiela' Paceville u kien qed ifittex parkeġġ, meta ġie mwaqqaf mill-Pulizija. Jgħid illi huwa jaħdem ġewwa Paceville bħala *DJ* fi *club*. Miegħu kien hemm ħabib tiegħu. Jgħid illi dak il-ħin, daħal f'dak li kien magħruf bħala l-parkeġġ tal-istabbiliment *Axis* sabiex idawwar fih u jerġa' joħroġ 'il barra, u kien hemm li ġie mwaqqaf mill-Pulizija. B'referenza għall-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija, huwa jikkonferma illi huwa kien jagħmel użu mis-sustanza kokaina u b'referenza għall-fatt illi huwa kien qal li dakinhar kien bi ħsiebu jiltaqa' ma' xi ħbieb barra l-istabbiliment *Havana*, huwa jgħid illi dak iż-żmien kienu rebħu *tournament* tal-*basketball* u dakinhar kien xogħol, u kien ser jiltaqa' mal-ħbieb tiegħu biex wara "*mmorru per ezempju niltaqghu ghandi jew ghand xi hadd iehor u niehdu l-kokaina bejnietna*".[11] Huwa jgħid illi fid-drabi oħra ta' qabel li semma' fl-istqarrija tiegħu, kien jiġri l-istess u dan fis-sens illi kien jiġbor il-flus u jiltaqa' ma' sħabu u jmorru jieħdu l-kokaina flimkien. Jispjega li sħabu kienu jagħtuh il-flus minn qabel u illi huwa kien imur jixtri l-kokaina. F'din l-okkażżjoni li fiha kien ġie arrestat, kien ġara l-istess. Jgħid ukoll illi kienu jkunu tlett iħbieb, kulħadd jagħtih sehmu u hu jmur jixtri għal kulħadd. Wara kienu jiltaqgħu d-dar tiegħu jew ta' xi ħadd minn sħabu.

In kontro-eżami l-imputat jgħid illi sħabu kienu jagħtuh ħamsin ewro (€50), b'liema prezz kien jixtri nofs gramma kokaina. Mistoqsi kemm kienet ilha għaddejja din il-biċċa xogħol, huwa jgħid illi dan kien ilu jsir ftit xhur. Jgħid illi dakinhar kellu biżżejjed droga sabiex ilkoll jieħdu żewġt iqratas kull wieħed għaliex b'kollox kienu ser ikunu tlieta. Bejn wieħed u ieħor kull pakkett kien ikun fih nofs gramma. Jikkonferma li sħabu allura kienu jagħtuh mitt ewro (€100) kull wieħed.[12]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-atti ta' dawn il-proċeduri jirriżulta illi fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Ottubru 2013, fil-pussess tal-imputat instabu sitt iqratas bid-droga kokajina, u dan meta l-imputat kien ġie mwaqqaf mill-Pulizija ġewwa Paceville.

Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, senjatament fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2015, l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-pussess 'sempliċi' tad-droga kokaina u dan b'referenza għall-jiem in kwistjoni. M'hemmx dubju, anke mix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokaina fil-lejl mertu tal-każ, kif ukoll illi huwa kien jagħmel użu mill-istess droga f'dawk iż-żminijiet.

[11] Ara a fol. 54 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 51 sa 59 tal-proċess.

Dak li qed jikkontesta l-imputat għalhekk huwa fl-ewwel lok ir-reat addebitat lilu permezz tal-ewwel imputazzjoni, ossia t-traffikar tad-droga kokaina u fit-tieni lok, ir-reat kif dedott fit-tieni imputazzjoni in kwantu l-pussess tad-droga da parti tiegħu kien wieħed aggravat.

Dwar dan, fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-imputat jgħid illi d-droga li nstabet fil-pussess tiegħu kienet ser tiġi kkunsmata minnu flimkien ma' xi ħbieb. L-imputat jippreċiża wkoll illi din id-droga kienet ser tiġi kkunsmata għandu jew inkella għand xi ħadd minn sħabu u dan filwaqt li jżid jgħid illi dan kienu ser jagħmluh b'ċelebrazzjoni tar-rebħ ta' *tournament* tal-*basketball*, wara li kien huwa stess li ġabar il-flus mingħand sħabu u xtara d-droga għalih u għalihom.

Illi matul din ix-xhieda, id-difiża tagħmel referenza partikolari għall-istqarrija tal-imputat rilaxxjata minnu fil-mori tal-investigazzjoni, fejn l-imputat kien indika illi dan kien sar ukoll drabi oħra – fil-fatt fl-istqarrija tiegħu, l-imputat jgħid illi huwa kien ilu jagħmel dan ma' sħabu "*Mill-bidu tas-Sajf zgur, jigifieri qisu erba' xhur*"[13] – u jixhed illi f'dawn id-drabi dejjem ġiet adoperata l-istess proċedura, fis-sens illi huwa kien jiġbor il-flus, jixtri l-kokaina għalih u għal sħabu u sussegwentement jieħdu l-kokaina flimkien.

Il-Qorti tistqarr li ma hija konvinta xejn mill-veraċita` tad-deposizzjoni tal-imputat meta jgħid illi l-ħsieb kien li jikkonsma d-droga flimkien ma' sħabu u dan b'mod partikolari għaliex il-Qorti ma tarax għaliex l-imputat kellu jiġi nterċettat waqt li kien qed jipprova jsib parkeġġ f'Paceville, meta skont hu kien xogħol, u fl-istess waqt kien ser jiltaqa' ma' sħabu barra l-istabbiliment *Havana*, meta mbagħad fl-istess nifs huwa jtenni wkoll illi l-ħsieb kien li jmorru għandu jew għand xi wieħed minn sħabu sabiex jikkunsmaw id-droga flimkien. F'dan il-kuntest, il-Qorti tinnota wkoll illi minkejja li fix-xhieda tiegħu huwa jikkonferma dik il-parti tal-istqarrija li fiha huwa jgħid li kien xtara d-droga għalih u għal sħabu, fl-istess stqarrija mkien ma jgħid illi hu u sħabu kienu ser jikkonsmaw id-droga flimkien u dan fil-fehma tal-Qorti għaliex b'din iż-żieda fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-imputat ittenta jaġevola l-posizzjoni tiegħu billi jressaq id-difiża tat-traffikar jew tal-pussess aggravat *by sharing* ai termini tal-proviso tas-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fi kwalunkwe każ madankollu, anke li kieku għall-grazzja tal-argument biss, il-Qorti kellha temmen li l-ħsieb tal-imputat kien illi jikkonsma dik id-droga flimkien ma' sħabu, fl-istess post u fl-istess ħin, il-verżjoni tal-fatti tal-imputat xorta ma

---

[13] Ara a fol. 15 tal-proċess.

twassalx għar-rekwiżiti li trid il-liġi sabiex jirriżulta t-traffikar jew il-pussess aggravat *by sharing.*

Id-difiża tagħmel referenza partikolari għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jurgen Stanyer** deċiża nhar is-27 ta' Frar 2019. F'dik is-sentenza, il-Qorti kienet sabet lill-imputat ħati ta' traffikar ta' pilloli *ecstasy*, u lliberatu biss mill-imputazzjoni ta' traffikar tad-droga kokaina, u dan fuq binarji ferm diversi minn dawk tal-lum. Fir-rigward tal-ewwel, u ċioe` fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-ħtija fir-rigward tat-traffikar tal-pilloli *ecstasy*, il-Qorti rriteniet hekk:

> "Illi m'hemmx dubju illi fil-każ odjern, it-teżi tad-difiża tikkrolla fuq żewġ binarji. Fl-ewwel lok, għalkemm l-imputat jgħid illi Gauci u hu kienu ftehmu sabiex jieħdu d-droga flimkien jirriżulta bħala fatt illi Gauci u l-imputat ma kinux ser jieħdu d-droga flimkien fl-istess ħin. Fil-fatt skont l-imputat, huwa diġa` kien ikkonsma nofs pillola ecstasy, li skont ix-xhieda tiegħu, għalih kienet biżżejjed, u dan qabel iltaqa' ma' Gauci sabiex jipprovdilu r-rimanenti tal-pilloli. Mela allura l-element tal-komunanza sa hawn diġa` huwa nieqes. Terġa' u tgħid sussegwentement, Gauci ħallas lill-imputat għal dak li provdielu l-istess imputat u żamm ir-rimanenti tal-pilloli hu. Mela allura anke hawn m'hemmx l-element tax-sharing għaliex skont il-verżjoni tal-imputat, huwa xtara l-pilloli appożitament għal Gauci u mbagħad irċieva wkoll il-ħlas għalihom. Ma kienx għalhekk il-każ li l-imputat kien qed jaqsam id-droga li kellu għalih ma' Gauci, għaliex skont hu, l-imputat akkwista l-pilloli għal Gauci wkoll. Fl-azzjonijiet tiegħu, u skont il-verżjoni tiegħu stess, l-imputat indaħal sabiex jixtri d-droga għal Gauci u fil-fatt a priori akkwista d-droga bl-intenzjoni li jgħaddiha lilu. La darba skont hu, akkwista d-droga għal Gauci, ma jistax jingħad illi huwa kien qed jaqsam id-droga tiegħu jew id-droga intiża għalih mal-istess Gauci."

Id-difiża tagħmel referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża nhar is-17 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** fejn il-Qorti kienet qalet hekk:

> "Illi mill-gurisprudenza johrog car li biex ikun hemm is-"sharing" li jammonta ghal traffikar irid ikun hemm il-fattispecji li wiehed ikollu d-droga w jaqsamha ma' xi hadd jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha anki minghajr hlas jew korrispettiv (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Marvan Cachia" [26.8.98], "Il-Pulizija vs. Martin Pirotta" [15.12.98] u "Il-Pulizija vs. David Gatt" [11.4.2002] u ohrajn). Imma d-droga l-ewwel trid tkun ghandu, mbaghad jaqsamha ma' jew jikkonsenja lil

> haddiehor. Issa fil-kaz in ezami id-droga ghalkemm fizikament inghatat f'idejn l-appellanti mit-traffikant, kienet qed tinxtara flimkien ma' Magro u bi flus Magro stess, li ukoll gab is-siringi biex id-droga tkun tista' tigi somministrata lilu. Ghalhekk hawn kien hawn ko-akkwist minn Magro u l-appellanti. Din il-Qorti ghalhekk tara li l-fattispecji tal-kaz in dizamina jinkwadraw ruhom kwazi b'mod identiku mall-kaz ta' Ryan Galea u ghall-istess ragunijiet tirritjeni li bil-fatt innifsu li l-appellanti injettat lin-namrat taghha bi droga li huma kienu akkwistaw flimkien sahansitra bil-flus tal-istess namrat taghha li kien ukoll gab mieghu s-siringi, kif irrizulta lill-Ewwel Qorti, ma jissusstix ir-reat ta' traffikar izda dak biss ta' pussess."

Il-fattispeċje tal-każ tal-lum jixbħu ferm aktar dawk li wasslu għas-sentenza fil-konfront ta' Stanyer, u dan fil-waqt li ma jixbħu xejn il-fatti li sawwru l-proċeduri fil-każ ta' Farrugia.

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Omissis</u>** tad-19 ta' Novembru 2015, il-Qorti qalet hekk dwar fatti u ċirkustanzi bħal dawk tal-lum:

> "Dan ifisser illi l-appellanti kien a priori akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil shabu. Fil-fatt ikompli ighid illi kienu shabu stess li indikawlu il-persuna minn ghand min kellu imur jixtrihom, izda ma xtaqx isemmi min kienu dawn shabu. Ighid fil-fatt illi huwa hallas ghalihom bi flusu u bil-flus li kien gabar minn ghand dawn shabu. Dan ghalhekk huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz pilloli ecstasy) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bhal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi joint u tiddeciedi taqsmu ma' haddiehor. Minn dak li ighid l-appellanti stess huwa gie inkarigat sabiex jakkwista id-droga ghal haddiehor, tant illi gie mghoddi il-flus minn ghand shabu sabiex huwa jakkwista il-pilloli ghalihom. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn haddiehor biex jakkwistalu id-droga. Illi huwa minnu illi dawk il-pilloli, hekk akkwistati u mghoddija lil shabu kienu ser jigu ikkunsmati fil-party li attendew ghalih, izda ma jistax jinghad illi dan jikwadra ruhu fit-tifsira, anke dik komuni, moghtija lil kelma "sharing" li necessarjament timplika il-pussess ta' oggett f'idejn persuna li ma izzommhiex biss ghalih, izda jaqsamha ma' haddiehor. U allura minn hawnhekk tohrog l-interpretazzjoni moghtija mill-qrati taghna tal-kuncett tal-komunanza. Jekk persuna jakkwista oggett ghan-nom ta' terz, ma jistax jinghad li qieghed jaqsam dak li ghandu hu fil-pussess

> tieghu ma' dak it-terz. Illi huwa proprju dan li gie imfisser fid-decizjonijiet Il-Pulizija v. Russell Bugeja u Il-Pulizija v. Marco Galea, decizi it-tnejn fil-5 ta' Mejju 2008 u li ghalihom taghmel referenza l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata".

Id-difiża għalhekk m'għandhiex raġun fl-interpretazzjoni tagħha tal-liġi **<u>kif viġenti sa dakinhar li saret it-trattazzjoni finali tagħha</u>**.

Illum il-ġurnata din il-posizzjoni, emerġenti mill-ġurisprudenza hawn fuq ċitata, inbidlet u dan fid-dawl tal-emenda ntrodotta mill-leġislatur fis-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-Att XXXVI tas-sena 2021, li daħal fis-seħħ fit-2 ta' Lulju 2021, u li permezz tagħha wessa' t-tifsira tat-traffikar jew pussess aggravat *by sharing* u b'hekk l-elementi li trid il-liġi sabiex jista' jirriżulta dak li wieħed jista' jsejjaħlu attenwant għal dawn ir-reati. Illum, l-imsemmi sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 jaqra hekk:

> "Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina inkwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien biħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, <u>jew akkwista kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profitt,</u> il-qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:" [sottolinear tal-Qorti]

Dan ifisser illi l-mandant fit-termini tas-sentenza fuq ċitata ossia dak li jakkwista d-droga għal oħrajn fuq talba tagħhom stess, jista' llum jibbenefika wkoll mid-disposizzjonijiet tas-sub-artikolu fuq ċitat sabiex b'hekk jiġi meqjus li kkommetta traffikar '*by sharing*' jew illi altrimenti kellu l-pussess aggravat '*by sharing*', dment illi jirriżultaw l-elementi li trid il-liġi f'din il-parti ta' dan is-sub-artikolu ossia fl-ewwel lok, li d-droga nvoluta tkun fi kwantita` żgħira, fit-tieni lok l-element ta' komunanza, li baqa' preżenti u meħtieġ u dan fis-sens illi l-imputat ikun ikkonsma jew ikun bi ħsiebu jikkonsma dik id-droga fl-istess post u fl-istess ħin ma' oħrajn, fit-tielet lok, illi t-talba li huwa jakkwista d-droga sseħħ mill-persuni li jkunu fil-kumpanija tiegħu ossia dawk li magħhom ikun bi ħsiebu jikkonsma d-droga jew li magħhom ikkonsma d-droga fl-istess post u fl-istess ħin, fir-raba' lok illi dan iseħħ f'avveniment wieħed u fl-aħħarnett illi huwa ma jagħmel l-ebda profitt mill-akkwist tad-droga għal sħabu.

Issa għalkemm l-imputat jgħid illi d-droga li nstabet fil-pussess tiegħu kienet intiża għalih u għal sħabu sabiex jikkonsmawha flimkien fl-istess post u fl-istess ħin, u illi huwa akkwista d-droga għal sħabu billi ġabar mingħandhom minn qabel il-flus għall-istess droga, u f'dan il-kuntest ma jirriżultax illi l-imputat kien ser jagħmel xi qliegħ minn dan l-ipprokurar – anzi fl-istqarrija tiegħu huwa jgħid illi kien ser iżommilhom bl-istess prezz kemm kien xtraha hu ossia €50 il-borża, liema prezz reġa' rrepetih fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri – madankollu jirriżulta illi dan ma seħħx f'avveniment wieħed biss, stante li huwa kien ilu jagħmel dan għal xi xhur, kif tenna huwa stess fix-xhieda tiegħu. L-imputazzjonijiet odjerni ma jirreferux biss għal-lejl in kwistjoni, iżda wkoll għas-sitt xhur ta' qabel, u għalhekk iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma jissodisfawx ir-rekwiżiti li trid il-liġi sabiex ikun jista' jingħad illi dan kien traffikar jew pussess aggravat *by sharing*.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputat huwa ħati kemm tal-ewwel imputazzjoni, in kwantu prokura d-droga kokaina għal u lil sħabu f'okkażżjonijiet preċedenti, kif ukoll tat-tieni imputazzjoni in kwantu fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Ottubru 2013, huwa kien fil-pussess tad-droga kokaina kemm għall-użu tiegħu, kif ukoll għall-użu ta' sħabu.

Finalment, jirriżulta wkoll l-aggravju tad-distanza, in kwantu d-difiża ddikjarat li ma kinitx qed tikkontesta dan l-aggravju u illi ma kienx hemm il-ħtieġa li jinħatar espert għal dan il-għan.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Marzu 2017, li għalkemm m'hijiex waħda netta, lanqas ma hija allarmanti.

Tqis ukoll in-natura tar-reati odjerni, iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-ammont tad-droga nvoluta, li ma kienx wieħed sostanzjali.

Tqis in oltre dik il-parti tat-trattazzjoni tad-difiża, li fiha l-istess difiża titlob klemenza in vista tal-kundizzjoni tas-saħħa fiżika li minnha tbati bint l-imputat. F'dan ir-rigward, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti m'għandhiex is-setgħa illi tagħżel li ma terogax piena ta' priġunerija effettiva fil-konfront tal-istess imputat, li hija piena mandatorja li tipprevedi l-liġi, apparti li ma tistax ma tqisx ukoll illi l-istess imputat wettaq dawn ir-reati xjentement meta kien diġa` missier ta' minuri li sfortunament jirriżulta li tbati minn kundizzjoni ta' saħħa. Il-Qorti ma tqisx illi jkun barra minn loku li tirrimarka illi huwa mistenni b'mod partikolari minn dawk li huma ġenituri, li jastjenu milli jagħmlu dak li għażel li jagħmel l-imputat.

Fi kwalunkwe każ, tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet tagħha iżjed 'il fuq, il-Qorti tqis illi piena fil-minimu hija waħda idonea.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, kif ukoll l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Noel Ellul** ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' tmien (8) xhur priġunerija effettiva u multa ta' sitt mitt ewro (€600) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjez konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut fil-mori ta' dawn il-proċeduri, ammontanti għas-somma ta' mitejn, erbgħa u għoxrin ewro u għoxrin ċenteżmu (€224.20), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet (3) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. JF, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proces-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara
Deputat Reġistratur